# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR**

**DR. JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 1272/00**

**Numru 14**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**David Mifsud**

ItTribunal,

Wara li ra it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm179.91 (mija u disgha u sebghin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu), skond l-istatement anness mal-avviz tat-talba u mmarkat Dok A mill-konvenut dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 416672 (c/n 3636502), liema servizz gie lilu provdut u nstallat fuq rikjesta tieghu stess, mis-socjeta' attrici fil-fond 23, Triq l-Gharusa tal-Mosta,

Mosta u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-ftehim anness mal-avviz tat-talba u mmarkata DoK B.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-istess data, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut mill-PL Noel Scerri;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas somma ta' Lm179.91 (mija u disgha u sebghin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu) dovuti ghal servizz telefoniku.

Bl-ispejjes u l-interessi skond il-ligi.

Dr Joseph P. Bonnici
Gudikatur